MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru 173/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Domenic Sultana**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Domenic Sultana, bin John u Michelina Xerri, imwieled fis-7 ta' Jannar 1958, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 358(G), talli nhar it-12 ta' Awissu 2007 ghall-habta tal-11.45 pm bhala l-persuna li f'ismu ghandu licenzja sabiex jiggestixxi l-hanut bl-isem 'The Creek', li jinsab fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex, naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha hija soggetta l-licenzja, billi qieghed jew ippermetta li jitqieghdu imwejjed jew ghamara ohra fuq barra tal-istabbiliment turistiku tieghu, u dan meta ma kellux licenzja biex jaghmel hekk;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta’ Mejju 2008 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Domenic Sultana mill-imsemmija imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fil-5 ta’ Gunju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza u li Domenic Sultana jigi misjub hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u li tinghata l-piena skond il-ligi;

Rar l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-25 ta’ Awissu 2008; ikkunsidrat:

F’certu sens jista’ jinghad li bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza hemm qbil dwar hafna mill-fatti. L-appellat Sultana kellu fuq ismu l-licenzja, mahruga skond il-Kap. 409, biex jiggestixxi l-istabbiliment maghruf bhala “The Creek”, proprjeta` tas-socjeta` Creek Ltd., li jinsab fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex. Bhala *substitute* kellu mpjegat mieghu lil certu Nicholas Murphy. Ghalkemm dak iz-zmien – 12 ta’ Awissu 2007 – kien hemm applikazzjoni pendenti biex l-istabbiliment in kwistjoni ikun jista’ jzomm imwejjed u siggijiet fuq barra, il-licenzja jew permess ghal daqshekk kien ghadu ma harigx. Fit-12 ta’ Awissu 2007 PC 1548 Victor Theuma ghamel spezzjoni ghall-habta tal-11.45 ta’ bil-lejl f’dan l-istabbiliment u d-dintorni tieghu, u sab sitt imwejjed bis-siggijiet madwarhom quddiem l-imsemmi hanut. Meta s-*substitute* gie mitlub jipproduci l-licenzja jew permess ghal dawn l-imwejjed u siggijiet, dan ikkonferma li l-applikazzjoni kienet ghadha qed tigi processata. Is-*substitute* qabad u nehha l-imsemmija mwejjed u siggijiet. Sa hawn, kif inghad, hemm qbil bejn il-partijiet.

Fejn ma hemmx qbil hu dwar jekk, minkejja li l-appellat Sultana ma kienx fuq il-post fil-hin tal-incident *de quo* – dak il-hin kien hemm biss is-*substitute* – u minkejja li Sultana jghid li hu kien iwissi lil Murphy biex ma jpoggix siggijiet u/jew imwejjed barra mill-istabbiliment, il-*licensee*, cioe` Sultana, hux xorta wahda responsabbli ghal dak in-nuqqas li sehh fit-12 ta’ Awissu 2007.

Din il-Qorti tibda biex tghid li d-deposizzjoni ta’ Sultana moghtija quddiemha fil-25 ta’ Awissu 2008 ma hijiex kredibbli ghal kollox. Huwa jghid li kien jinsisti hafna ma’ Murphy biex dan ma johrogx imwejjed u siggijiet barra l-hanut ghax ma kienx ghad hemm il-permess relattiv, u li huwa kien ukoll dejjem gej u sejjer biex jara li kollox kien qed jitmexxa sew f’dan l-istabbiliment. Jghid li qatt ma nserta l-imwejjed jew is-siggijiet barra. Din il-Qorti ssibha ferm stramba li kien proprju f’din l-okkazjoni, meta Sultana ma kienx fuq il-post, li min <u>kien qed imexxi l-hanut a nom tieghu</u> jidher li ddecieda li jikser l-ordnijiet ta’ l-istess Sultana b’mod hekk eclatanti u johrog is-siggijiet u l-imwejjed barra fejn, ovvjament, seta’ jarahom kulhadd. Aktar stramba, pero`, hija c-cirkostanza li minkejja li dan Murphy mar kontra dak li kien espressament (dejjem skond Sultana) jghidlu l-*licensee*, Sultana zamm lil dan Murphy impjegat mieghu. Kien biss f’Awissu ta’ din is-sena li jidher li ma baqax impjegat ma’ Sultana ghax mar jahdem f’hanut iehor.

Pero` anke li kieku din il-Qorti kellha tiehu *a bocca baciata* dak kollu li ddepona Sultana, u cioe` li hu kien verament jinsisti mas-*substitute* biex dan josserva l-ligi u ma johrogx imwejjed u siggijiet barra, l-imsemmi Sultana xorta wahda jibqa’ passibbli ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409. F’materja ta’ licenzji bhal dawk in ezami, il-*licensee* jidhol personalment responsabbli ghal kull nuqqas li seta jigi evitat <u>li kieku huwa kien fizikament prezenti fuq il-post</u>. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Jannar 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Debrincat *omissis*** il-fatt li jkun hemm *substitute* qed imexxi l-hanut jew stabbiliment b’ebda mod ma jezonera lil-*licensee* mill-obbligi tieghu. Licenzja bhal dik in kwistjoni tohrog fuq persuna <u>fizika</u>, u mhux fuq persuna morali jew guridika, ghax hija proprju l-persuna fizika li tassumi r-responsabbilta`, bil-presenza taghha fuq il-post licenzjat, li tara li l-kundizzjonijiet <u>kollha</u> ta’ dik il-licenzja jigu osservati, u dan indipendentement minn jekk ikunx hemm *substitute* o meno. Ovvjament, jekk anke bil-presenza fizika tieghu fuq il-post il-*licensee* ma setax jevita l-ksur – wiehed jista’ jimmagina sitwazzjoni fejn xi klienti jirvellaw u jiehdu f’idejhom it-tmexxija tal-hanut, u

jaqbdu u johorgu l-imwejjed u s-siggijiet barra – f'kaz simili la l-*licensee* u anqas is-*substitute* ma jkunu responsabbli minhabba forza magguri.

Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, jigi li l-appellat Domenic Sultana naqas li jhares kundizzjoni tal-licenzja li kellu – il-kundizzjoni (b) fil-licenzja li huwa jottempera ruhhu mal-ligijiet kollha vigenti – b'mod li rrenda ruhhu passibbli skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u, wara li rat l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409, tikkundanna lill-imsemmi Domenic Sultana multa ta' elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164.69), konvertibbli f'mitt gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------